IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2024
COM(2024) 281 final

2024/0155 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Din il-proposta tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim").

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) tikkoordina l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' kriminalità transfruntiera serja fl-Ewropa u lil hinn minnha. Bħala ċ-ċentru tal-Unjoni Ewropea (UE) għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

F'din id-dinja globalizzata, il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji ma tiqafx fil-fruntieri tal-Unjoni. Biż-żieda tal-kriminalità transfruntiera, huwa kruċjali li tinkiseb informazzjoni minn barra l-ġuriżdizzjoni ta' dak li jkun. Għaldaqstant, il-Eurojust jenħtieġ li tkun tista' tikkoopera u tiskambja *data* personali mill-qrib mal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' pajjiżi terzi magħżula sal-livell meħtieġ biex twettaq il-kompiti tagħha fil-qafas tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1727[1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Eurojust"). Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi għall-protezzjoni tad-*data* personali.

Il-Eurojust tista' tiskambja *data* personali operazzjonali ma' pajjiżi terzi fejn jiġi ssodisfat wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56(2), il-punti minn (a) sa (c), tar-Regolament tal-Eurojust:

- il-Kummissjoni tkun iddeċidiet, skont l-Artikolu 57 li l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni, jew fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni ta' adegwatezza, salvagwardji xierqa ġew ipprovduti jew jeżistu skont l-Artikolu 58(1), jew fin-nuqqas kemm ta' deċiżjoni ta' adegwatezza u ta' tali salvagwardji xierqa, deroga għal sitwazzjonijiet speċifiċi tkun tapplika skont l-Artikolu 59(1);
- ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni li jipprevedi l-iskambju ta' *data* personali operazzjonali qabel it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-Eurojust u l-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI[2]; jew
- ikun ġie konkluż ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, p. 138, 21.11.2018.

[2] ĠU L 063, 06/03/2002 P. 0001 – 0013.

rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet tal-individwi.

Bħalissa, il-Eurojust għandha ftehimiet ta' kooperazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI, li jipprevedu skambji ta' *data* personali, fis-seħħ mal-Montenegro, l-Ukrajna, il-Moldova, il-Liechtenstein, l-Iżvizzera, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Georgia, l-Albanija u s-Serbja. Skont l-Artikolu 80(5) tar-Regolament tal-Eurojust dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni għadhom validi.

Sa minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Eurojust fit-12 ta' Diċembru 2019 u skont it-Trattati, il-Kummissjoni hija responsabbli, f'isem l-Unjoni, min-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' *data* personali mal-Eurojust. Sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament tal-Eurojust, il-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' sħab esterni permezz ta' arranġamenti ta' ħidma. Madankollu, dawn waħedhom ma jistgħux ikunu bażi ġuridika għall-iskambju ta' *data* personali.

Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u ċerti pajjiżi terzi, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Alġerija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi[3].

Il-Kunsill ta dik l-awtorizzazzjoni fl-1 ta' Marzu 2021 u adotta sett ta' direttivi ta' negozjati u ħatar kumitat speċjali biex jassisti lill-Kunsill f'dan il-kompitu[4].

In-negozjati mal-Libanu bdew f'Diċembru 2022. Wara t-tieni u l-aħħar ċiklu ta' negozjati, li sar f'Lulju 2023, in-negozjaturi laħqu ftehim preliminari fil-11 ta' Ottubru 2023. In-negozjaturi ewlenin inizjalaw l-abbozz tat-test tal-Ftehim fi [xx.xx.xxxx].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Ftehim ġie nnegozjat billi tqiesu d-direttivi ta' negozjati komprensivi adottati mill-Kunsill flimkien mal-awtorizzazzjoni għan-negozjar fl-1 ta' Marzu 2021. Il-Ftehim preżenti huwa konsistenti wkoll mal-politika eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

F'dawn l-aħħar snin, sar titjib fl-iskambju ta' kooperazzjoni dwar l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-aġenziji tal-Unjoni u pajjiżi terzi. Ir-Regolament (UE) 2023/2131 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-

[3] Ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Alġerija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi, id-19 ta' Novembru 2020, COM(2020) 743 final.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Alġerija, l-Arġentina, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Brażil, il-Kolombja, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi, ara 6153/21 + ADD 1, Deċiżjoni tal-Kunsill adottata bi proċedura bil-miktub fl-1 ta' Marzu 2021 (CM 1990/21).

iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu[5], issaħħaħ il-qafas għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi min-naħa tal-Eurojust billi tipprevedi bażi legali solida għall-issekondar ta' prosekutur ta' kollegament ta' pajjiż terz mal-Eurojust u l-kooperazzjoni mal-Eurojust.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2022/838 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727, dwar il-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fl-Eurojust[6], għandha rabta qawwija ma' pajjiżi terzi. Iż-żewġ atti leġiżlattivi jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija wkoll konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni.

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija waħda mill-azzjonijiet stabbiliti fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni[7] bejn l-UE u l-Libanu, li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. L-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn il-qrati tal-Libanu u tal-Istati Membri tal-UE kien wieħed mill-azzjonijiet ippjanati.

Fil-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Libanu adottati fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu fl-11 ta' Novembru 2016[8], iż-żewġ partijiet qablu li għall-istabbiltà tal-Libanu huwa meħtieġ li jsir progress fil-governanza tajba u fl-istat tad-dritt. L-UE impenjat ruħha li tikkoopera mal-Libanu għall-promozzjoni tal-valuri kondiviżi tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, u għat-twettiq ta' riforma fis-sistema ġudizzjarja, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Il-Libanu kien il-benefiċjarju ta' diversi proġetti ffinanzjati mill-UE għar-riforma tal-ġustizzja u għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluż għas-settur tal-ġustizzja kriminali.

Fil-Komunikazzjoni Konġunta tad-9 ta' Frar 2021 dwar is-Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar, hija ppjanata *Aġenda ġdida għall-Mediterran*[9], kooperazzjoni ġudizzjarja msaħħa bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar, bl-assistenza tal-Eurojust, inkluż permezz

---

5 Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu.

6 Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin ta' evidenza fil-Eurojust relatata ma' ġenoċidji, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

7 Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi tadotta mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Libanu, COM/2006/0365 final.

8 Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu.

9 Il-Komunikazzjoni Konġunta:Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda ġdida għall-Mediterran - JOIN(2021) 2 final. eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021JC0002&qid=1718394456191

tan-negozjar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar. Huwa rikonoxxut li theddidiet kbar għas-sigurtà bħat-terroriżmu, it-theddid ibridu kif ukoll iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata li jiddestabbilizzaw ir-reġjun jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' sforzi konġunti.

Id-dokumenti strateġiċi eżistenti tal-Kummissjoni jirfdu l-ħtieġa li jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE, kif ukoll li titwessa' l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà[10], l-Aġenda tal-UE kontra t-Terroriżmu[11] u l-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata[12].

F'konformità ma' dawn id-dokumenti strateġiċi, il-kooperazzjoni internazzjonali ssaħħet ukoll fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. Abbażi tal-awtorizzazzjoni tal-Kunsill[13], il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim ma' New Zealand dwar l-iskambju ta' *data* personali mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (il-Europol).

Fl-istess ħin huwa kruċjali li l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' stati terzi tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali minquxa fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Sett ta' salvagwardji partikolarment importanti, b'mod partikolari dawk inklużi fil-Kapitolu II tal-Ftehim, jikkonċerna l-protezzjoni tad-*data* personali, li fl-UE hija dritt fundamentali. F'konformità mal-Artikolu 56(2), il-punt (c) tar-Regolament tal-Eurojust, il-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lil awtorità ta' pajjiż terz abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 TFUE li jagħti prova ta' salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwi.

Il-Kapitolu II tal-Ftehim jipprevedi tali salvagwardji, inklużi b'mod partikolari dispożizzjonijiet li jiżguraw għadd ta' prinċipji u obbligi għall-protezzjoni tad-*data* li jridu jiġu rispettati miż-żewġ Partijiet (l-Artikoli 10ff.), kif ukoll dispożizzjonijiet li jiżguraw drittijiet individwali infurzabbli (l-Artikolu 14ff.), superviżjoni indipendenti (l-Artikolu 21) u rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv għall-ksur tad-drittijiet u s-salvagwardji rikonoxxuti fil-Ftehim li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-*data* personali (l-Artikolu 22).

Jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn it-tisħiħ tas-sigurtà u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-*data* u l-privatezza. Il-Kummissjoni żgurat li l-Ftehim jipprevedi bażi ġuridika għall-iskambju tad-*data* personali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali filwaqt li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.

---

10 COM(2020) 605 final, 24.7.2020.
11 COM(2020) 795 final, 9.12.2020.
12 COM(2021) 170 final, 14.4.2021.
13 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7047/20, it-23 ta' April 2020, u Dokument tal-Kunsill CM 2178/20, it-13 ta' Mejju 2020.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet "*li jikkonkludu l-ftehim.*" Peress li l-proposta tikkonċerna oqsma fejn tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u, għalhekk, il-bażi legali proċedurali hija l-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v), TFUE.

Il-bażi ġuridika sostantiva tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, att ġuridiku jrid jissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti. Il-proposta għandha żewġ għanijiet u komponenti ewlenin, jiġifieri l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Libanu f'materji kriminali kif ukoll l-istabbiliment ta' salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-individwi għal din il-kooperazzjoni. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva jeħtieġ li tkun l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 85 TFUE.

Għaldaqstant, din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 85 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v), TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-Regolament tal-Eurojust jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar it-trasferimenti ta' *data* personali mill-Eurojust barra mill-UE. L-Artikolu 56(2) tiegħu jelenka sitwazzjonijiet fejn il-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' pajjiżi terzi legalment. Mid-dispożizzjoni jirriżulta li għal trasferimenti strutturali ta' *data* personali mill-Eurojust għal-Libanu, hija meħtieġa l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali vinkolanti bejn l-UE u l-Libanu, li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u ta' drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-individwi. Skont l-Artikolu 3(2) TFUE, il-Ftehim għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, din il-proposta mhijiex soġġetta għal verifika tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

L-objettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din il-proposta kif stabbiliti hawn fuq jistgħu jinkisbu biss billi jsir ftehim internazzjonali vinkolanti li jipprevedi l-miżuri ta' kooperazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali. Id-dispożizzjonijiet tal-protokoll huma limitati għal dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tiegħu. L-azzjoni unilaterali tal-Istati Membri fil-konfront tal-Libanu ma tirrappreżentax alternattiva, peress li l-Eurojust għandha rwol uniku. Azzjoni unilaterali lanqas ma tipprovdi bażi suffiċjenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u pajjiżi terzi u ma tiżgurax il-protezzjoni meħtieġa tad-drittijiet fundamentali.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 56 tar-Regolament tal-Eurojust, fin-nuqqas ta' konstatazzjoni tal-adegwatezza, il-Eurojust tista' tinvolvi ruħha fit-trasferiment strutturali ta' *data* personali operazzjonali lejn pajjiż terz abbażi biss ta' ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 TFUE li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi (l-Artikolu 56(2)(c)). F'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, l-iffirmar ta' tali ftehim huwa awtorizzat b'deċiżjoni tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fil-proċess tan-negozjati, il-Kummissjoni ma użatx għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-iskambju ta' *data* personali u l-ipproċessar tagħha mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Madankollu, il-Ftehim jiżgura n-neċessità u l-proporzjonalità ta' kwalunkwe interferenza bħal din billi jiggarantixxi l-applikazzjoni ta' salvagwardji adegwati tal-protezzjoni tad-*data* personali li tiġi ttrasferita, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Kapitolu II jipprevedi l-protezzjoni tad-*data* personali. Abbażi ta' dan, l-Artikoli minn 10 sa 20 jistabbilixxu prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-*data*, inklużi l-limitazzjoni tal-iskop, il-kwalità tad-*data* u r-regoli applikabbli għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, l-obbligi applikabbli għall-kontrolluri, inkluż dwar iż-żamma, iż-żamma ta' rekords, is-sigurtà u fir-rigward ta' trasferimenti ulterjuri, drittijiet individwali infurzabbli, inkluż dwar l-aċċess, ir-rettifika u t-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, is-superviżjoni indipendenti u effettiva kif ukoll ir-rimedju amministrattiv u ġudizzjarju.

Is-salvagwardji jkopru l-forom kollha ta' pproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u r-Repubblika Libaniża. L-eżerċitar ta' ċerti drittijiet individwali jista' jiġi ttardjat, limitat jew irrifjutat fejn meħtieġ u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi fundamentali tas-suġġett tad-*data*, għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, b'mod partikolari biex jiġu evitati riskji għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali li tkun għaddejja. Dan huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-Repubblika Libaniża se jiżguraw li awtorità pubblika indipendenti responsabbli għall-protezzjoni tad-*data* (awtorità superviżorja) tissorvelja kwistjonijiet li jaffettwaw il-privatezza tal-individwi sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali taħt dan il-Ftehim.

F'konformità mal-Artikolu 29(3) tal-Ftehim, il-Ftehim ma għandux japplika sakemm iż-żewġ partijiet ma jkunux innotifikaw lil xulxin bl-issodisfar tal-obbligi li jinsabu fil-Ftehim, inklużi dawk relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali, u din in-notifika tkun ġiet aċċettata. Barra

minn hekk, u biex jissaħħu aktar is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data* personali, l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim jiddikjara li Parti għandha tipposponi t-trasferiment tad-*data* personali sakemm il-Parti l-oħra ma tkunx ipprevediet fil-liġi, u implimentat, is-salvagwardji u l-obbligi li jinsabu fil-Kapitolu II tal-Ftehim (l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*data*).

Apparti l-Artikolu 29(4), l-Artikolu 32(2) tal-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li jiġi sospiż it-trasferiment ta' *data* personali f'każ ta' ksur sistematiku jew materjali tat-termini tal-Ftehim, jew jekk tali ksur ikun imminenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 32(3) bl-istess mod jipprevedi l-possibbiltà li tiġi sospiża, wara konsultazzjoni mal-Parti l-oħra, l-applikazzjoni tal-Ftehim innifsu, kompletament jew parzjalment, f'każ ta' ksur materjali eżistenti jew imminenti jew in-nuqqas ta' twettiq tat-termini tiegħu, filwaqt li d-dispożizzjonijiet ikkombinati tal-Artikoli 29 u 32 jiżguraw li t-trasferimenti ta' *data* personali ma jistax jibda sakemm jiġu previsti b'mod effettiv is-salvagwardji kollha meħtieġa, u jistgħu jiġu ttardjati jew sospiżi b'ħeffa jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

Barra minn hekk, il-Ftehim jiggarantixxi li l-iskambju ta' *data* personali bejn il-Eurojust u r-Repubblika Libaniża huwa konsistenti kemm mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, li jiżguraw li l-interferenzi mad-drittijiet fundamentali garantiti mill-Karta jkunu limitati għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħqu ġenwinament l-objettivi ta' interess ġenerali segwiti, soġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Ma hemmx bżonn ta' pjan ta' implimentazzjoni peress li l-Ftehim se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża jkunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri rispettivi tlestew.

Fir-rigward tal-monitoraġġ, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża għandhom jirrieżaminaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-Ftehim sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni tiegħu, u f'intervalli regolari minn dakinhar 'il quddiem, u wkoll jekk issir talba minn xi Parti u b'deċiżjoni konġunta dwar dan. Barra minn hekk il-Partijiet għandhom jevalwaw il-Ftehim b'mod konġunt erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-Artikolu 1 jinkludi l-objettivi tal-Ftehim.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni.

L-Artikolu 3 jinkludi d-definizzjonijiet ta' termini importanti tal-Ftehim.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-obbligu tal-Libanu li jaħtar mill-inqas punt ta' kuntatt wieħed fl-awtoritajiet kompetenti domestiċi tiegħu, li ma jistax ikun identiku għall-Prosekutur ta' Kollegament. Għandu jinħatar ukoll punt ta' kuntatt dwar kwistjonijiet ta' terroriżmu.

L-Artikolu 5 jipprevedi l-issekondar ta’ Prosekutur ta’ Kollegament mal-Eurojust.

L-Artikolu 6 jipprevedi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Libanu f’laqgħat operazzjonali u strateġiċi fil-Eurojust.

L-Artikolu 7 jipprevedi li l-Eurojust tkun tista’ tassisti lil-Libanu biex jistabbilixxi Skwadri ta’ Investigazzjoni Konġunti u tista’ tintalab tipprovdi assistenza finanzjarja jew teknika.

L-Artikolu 8 jipprevedi l-opzjoni għall-Eurojust li tibgħat Maġistrat ta’ Kollegament fil-Libanu.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-għanijiet tal-ipproċessar tad-*data* skont il-Ftehim.

L-Artikolu 10 jelenka l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli skont il-Ftehim.

L-Artikolu 11 jiggarantixxi salvagwardji addizzjonali għall-ipproċessar ta’ kategoriji speċjali tad-*data* personali u kategoriji differenti ta’ suġġetti tad-*data*.

L-Artikolu 12 jillimita t-teħid ta’ deċiżjonijiet kompletament awtomatizzat bl-użu ta’ *data* personali ttrasferita skont il-Ftehim.

L-Artikolu 13 jirrestrinġi t-trasferiment ulterjuri tad-*data* personali li tiġi rċevuta.

L-Artikolu 14 jipprevedi d-dritt ta’ aċċess, inkluż li tinkiseb konferma dwar jekk id-*data* personali relatata mas-suġġett tad-*data* hijiex ipproċessata skont il-Ftehim kif ukoll informazzjoni essenzjali dwar l-ipproċessar.

L-Artikolu 15 jipprevedi d-dritt għal rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar, taħt ċerti kundizzjonijiet.

L-Artikolu 16 jipprevedi n-notifika tal-ksur tad-*data* personali li jaffettwa d-*data* personali ttrasferita skont il-Ftehim, filwaqt li jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi jinnotifikaw lil xulxin kif ukoll lill-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom dwar dak il-ksur mingħajr dewmien, u jieħdu miżuri biex itaffu l-effetti negattivi possibbli tiegħu.

L-Artikolu 17 jipprevedi l-komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* dwar il-ksur ta’ *data* personali li x’aktarx ikollu effett serju fuq id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett.

L-Artikolu18 jinkludi regoli dwar il-ħżin, ir-rieżami, il-korrezzjoni u t-tħassir ta’ *data* personali.

L-Artikolu 19 jirrekjedi ż-żamma ta’ reġistrazzjonijiet tal-ġbir, l-alterazzjoni, l-aċċess, id-divulgazzjoni inkluż trasferimenti ulterjuri, il-kombinazzjoni u t-tħassir ta’ *data* personali.

L-Artikolu 20 jinkludi obbligi dwar is-sigurtà tad-*data*, filwaqt li jiżgura l-implimentazzjoni ta’ miżuri tekniċi u organizzattivi għall-protezzjoni tad-*data* personali skambjata skont dan il-Ftehim.

L-Artikolu 21 jirrekjedi s-superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-konformità mas-salvagwardji stabbiliti fil-Ftehim, jiżgura li jkun hemm awtorità superviżorja indipendenti responsabbli mill-protezzjoni tad-*data* (awtorità superviżorja) biex tissorvelja kwistjonijiet li jaffettwaw il-privatezza tal-individwi, inklużi r-regoli domestiċi rilevanti skont il-Ftehim għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali.

L-Artikolu 22 jipprevedi rimedju amministrattiv u ġudizzjarju, filwaqt li jiżgura li s-suġġetti tad-*data* jkollhom id-dritt għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv għall-ksur tad-drittijiet u s-salvagwardji rikonoxxuti fil-Ftehim li jirriżulta mill-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom.

L-Artikolu 23 jipprevedi li l-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva mhux klassifikata tal-UE jkunu rregolati minn arranġament ta' ħidma dwar il-kunfidenzjalità konkluż bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

L-Artikolu 24 jipprevedi r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti. Pereżempju l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat lil individwu akkawża ta' żbalji legali jew fattwali fl-informazzjoni skambjata.

L-Artikolu 25 jipprevedi li fil-prinċipju, kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha stess assoċjati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

L-Artikolu 26 jipprevedi l-konklużjoni ta' arranġament ta' ħidma bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

L-Artikolu 27 jipprovdi għar-relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħra, filwaqt li jiżgura li l-Ftehim la jippreġudika u lanqas jaffettwa d-dispożizzjonijiet legali fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni previst fi kwalunkwe trattat, ftehim jew arranġament bejn il-Libanu u kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 28 jipprevedi n-notifika tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 29 jipprevedi d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 30 jipprevedi l-emendi fil-Ftehim.

L-Artikolu 31 jipprevedi r-rieżami u l-evalwazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 32 jipprevedi riżoluzzjoni ta' tilwim u klawsola ta' sospensjoni.

L-Artikolu 33 jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 34 jipprevedi l-mod ta' kif isiru n-notifiki skont dan il-Ftehim.

L-Artikolu 35 jirreferi għat-testi awtentiċi.

2024/0155 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 85 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Artikoli 47 u 52 tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jipprevedu li l-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi abbażi ta' strateġija ta' kooperazzjoni.

(2) L-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprevedi wkoll li l-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lil awtorità ta' pajjiż terz, fost l-oħrajn, abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.

(3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) [XXXX][2], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("il-Ftehim") ġie iffirmat fi [XX.XX.XXXX], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(4) Il-Ftehim jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu, bl-għan li jiġu miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, (ĠU L 295, p. 138, 21.11.2018).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) [XXXXX] ta' XX.XX.XXXX dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Libanu, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali tar-Repubblika tal-Libanu (XXXX).

(5) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[3] tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, rikonoxxut fl-Artikolu 7, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 d-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust rikonoxxut mill-Artikolu 47 tal-Karta. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' *data* personali ttrasferita mill-Eurojust skont il-Ftehim.

(6) Skont l-Artikolu 218(7) TFUE, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova f'isem l-Unjoni l-modifiki tal-Annessi I, II u III tal-Ftehim, jawtorizza lill-Kummissjoni biex taqbel dwar il-modalitajiet għall-użu kontinwu u l-ħżin tal-informazzjoni li diġà ġiet ikkomunikata bejn il-Partijiet skont il-Ftehim u jawtorizza lill-Kummissjoni taġġorna l-informazzjoni dwar id-destinatarju tan-notifiki.

(7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-Opinjoni tiegħu [xxx] fi [xx.xx.xxxx].

(10) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

(11) F'konformità mat-trattati, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 29(2) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Ftehim, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar il-modifiki tal-Annessi I, II u III tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

2. Għall-fini tal-Artikolu 33(3) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li taqbel dwar il-modalitajiet għall-użu kontinwu u l-ħżin tal-informazzjoni li tkun diġà ġiet ikkomunikata bejn il-Partijiet skont il-Ftehim.

[3] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

3. Għall-fini tal-Artikolu 34(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata taġġorna l-informazzjoni dwar id-destinatarju tan-notifiki wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President